# Ir-restawr tal-kwadru tal-Madonna taċ-Ċintura taż-Żejtun



**Paul Zammit**

### Il-fratellanza Madonna taċ-Ċintura Żejtun

Fil-paroċċa ta' Santa Katerina Żejtun, insibu fratellanza dedikata lil Madonna taċ-Ċintura. Imwaqqfa lejn nofs is-seklu 18 mill-markiż Neriku Testaferrata de Bonici dixxindent tal-familja Bonici ewlieni fosthom Girgor Boniċi, fundatur u benefattur tal-bini tal-knisja parrokkjali preżenti. Il-Markiż kellu devozzjoni lejn l-ordni agostinjan u waqqaf ukoll il-kappella (illum bażilka) iddedikata lil Madonna tal-Bon Kunsill annessa mal-palazz Adeis Danielis.

### L-artal u l-kwadru tal-Madonna taċ-Ċintura fil-Knisja Parrokkjali

Kif indikat mill-visti pastorali, dan l-artal dejjem kien imwaqqaf għall-qima tal-Madonna taċ-Ċintura però jista' jagħti l-każ li ix-xbieha tal-Madonna kienet tal-Immakulata kunċizzjoni. Din l-ipotesi hija msaħħa mill-fatt li fuq il-lampier, li fl-imgħoddi



*Ritratt antik tal-kwadru*

kien il-lampier tal-festa u li llum jinsab fil-mużew parrokkjali, fih ix-xbihat arġentati ta' San Ġwann l-evanġelista, San Lawrenz Martri u l-Immakulata Kunċizzjoni.

Il-kwadru kif narawh illum jirrafigura l-Madonna bil-bambin fi ħdanha; it-tnejn li huma qed iqassmu ċ-ċintura. Il-Bambin qed jieħu ċintura minn platt ippreżentat minn anġlu filwaqt li l-Madonna qed tagħti ċ-Ċintura lil Santa Monika, li kif jingħad, ġiet mogħtija lilha sabiex tfarragħha minħabba l-ħajja xejn sabiħa li kien qed jgħix binha Santu Wistin dak iż-żmien taż-żgħożija tiegħu.

Maġenb Santa Monika nsibu lil Santu Wistin, duttur u isqof ta' Ippona, fundatur tal-Ordni agostinjan. Fil-parti t'isfel jidhru żewġ qaddisin b'rabta fl-istorja tat-twaqqif tal-fratellanza u l-istess artal. Fuq il-lemin jidher San Ġwann l-evanġelista li filwaqt li qed iħares lejn il-Madonna, f' idejh jidhru r-rixa (il-pinna tal-imgħoddi) u fl-oħra jidher ktieb kbir li jissinifika l-vanġelu u tidher ukoll fil-kantuniera l-ajkla, li dawn kollha huma simboli ta' dan l-evanġelista. San Ġwann l-evanġelista huwa qaddis relatat mal-familja Testaferrata Bonnici minħabba d-devozzjoni kbira li kellha din il-familja lejh.

Qaddis ieħor li jinsab fil-parti t'isfel tal-kwadru huwa San Lawrenz Martri liebes it-tuniċella simbolu tad-djakonija u l-palma f' idu simbolu tal-martirju li ġarrab. Fuq wara nsibu puttin iżomm gradilja; simbolu ieħor marbut mal-qaddis. Din ix-xbieha ġiet inkluża fil-kwadru minħabba l-fatt li kien Dun Lawrenz Mallia, mill-Birgu, li għen fit-twaqqif ta' dan l-artal. Qeda' f'diversi karigi fil-parroċċa taż-Żejtun ewlenija tkun dik ta' kappillan bejn 1743-1746, viċi kappillan u prokuratur tal-bini tal-knisja parrokkjali.

### Ir-restawr tal-kwadru

Iż-żmien ħalla l-marki tiegħu u kien ilu jinħass il-bżonn li jsirlu intervent ta' restawr professjonali. Dan il-kwadru bħal ħafna kwadri oħra fil-knisja parrokkjali huwa xogħol Francesco Zahra. F'artiklu li deher fil-gazzetta tan-nazzjon jgħid hekk; "Zahra wieħed mill-artisti prominenti f'Malta li ħadem l-aktar f'nofs is-seklu 18 din il-pittura hija xogħol bikri ta' Zahra meta kien għadu fil-bottega ta' Gannikol Buhagiar u tista' tkun datata fl-1730. Fil-bidu tas-seklu 20 bdew jidhru diversi ħsarat tant li l-artist Żejtuni Guiseppe Caruana kien imqabbad mill-prokuratur tal-fratellanza biex iwettaq xogħol ta' restawr fuqu lura fl-1923.

In-neputi tiegħu, il-kittieb Żejtuni Trevor Zahra, fl-awtobijografija tiegħu Il-Genn li jżommni f'sikti jirrakkonta kif zijuh kien wettaq xogħol ta' restawr.

Fl-2012, il-Fratellanza tal-Madonna taċ-Ċintura taż-Żejtun bdiet proċess ta' studju u evalwazzjoni ta' kif jista' jiġi rrestawrat dan il-kwadru. Il-Fratellanza, bl-għajnuna finanzjarja tal-fond tal-kawżi ġusti tat bidu għax-xogħol ta' restawr. F'Jannar tal-2017, wara diversi evalwazzjonijiet miġjuba minn kumpaniji tar-restawr u restawraturi ntgħażlet id-ditta tar-restawr Prevarti f'kordinazzjoni mal-awtoritajiet ekkleżjastiċi. Il-pittura ttieħdet lejn il-laboratorju

fil-kumpless tal-istess ditta fil-Mosta fejn inżamm għal 9 xhur sħaħ sabiex sar ix-xogħol meħtieġ mis-Sur Pierre Bugeja u t-tim kollu tiegħu.



*Ħsarat tal-kwadru*

Il-pittura kellha ħsarat kbar minħabba l-fraġiltà ta' saff ta' żebgħa li kienet qed tinqala u tfaqqa' ma' kullimkien. Il-verniċ kien sfar biż-żmien, b'konsegwenza t'hekk il-pittura ġiet tidher aktar skura u matta milli kienet oriġinarjament. Matul ir-restawr il-fraġiltà taż-żebgħa kienet rinforzata sabiex ma tintilifx u biex tissaħħaħ il-kundizzjoni tagħha. Il-verniċetta u s-saffi ta' żebgħa żejda ġew imneħħija u mibdula. Wara t-tindif, il-partijiet neqsin ġew mimlija u integrati bl-użu ta' kuluri ta' verniċetta billi ntuża l-metodu trattegio. Il-pittura ġiet trattata apposta kontra l-elementi fl-istess kumpless tal-kumpanija. Wara dan ix-xogħol kollu l-pittura u reġgħet ingħatat il-ħajja u għal nofs Diċembru x-xogħol kien tlesta. Kien biss li l-kwadru jinġieb lejn il-knisja. Fin-nuqqas tal-kwadru, il-fratellanza ħasbet biex isir xogħol ta' manutenzjoni, żebgħa mill-ġdid tan-nava, installazzjoni ta' dawl ġdid, tindif tal-induratura u induratura mill-ġdid tal-bsaten tal-kwadru u gwarniċi tal-prospettiva u skultura. Inħass il-bżonn li l-irħam li jiksi l-istess artal tal-Madonna taċ-Ċintura jiġi rrestawrat ukoll u saret gwarniċa tar-ramm għall-iskannel tal-istess artal.

### Iċ-ċelebrazzjoni Marjana fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni mix-xogħol ta' restawr

Il-ġurnata tas-26 ta' Jannar 2018, kienet il-qofol ta' dan il-proġett kollu. Fis-7pm ta' filgħaxija ngħata bidu għal din iċ-ċelebrazzjoni Marjana bit-talba tal-Għasar tal-festa tal-Madonna taċ-Ċintura mmexxija mill-Provinċjal tal-Ordni Agostinjan Patri Raymond Francalanza OSA flimkien ma' patrijiet tal-istess ordni u l-kleru u l-abbatini tal-parroċċa. Fi tmiem tal-għasar ir-restawratur spjega fil-qosor il-proċess metikoluż li għadda minnu l-kwadru u wara saru kelmtejn mill-Arċipriet. Fi tmiem id-diskorsi l-kongregazzjoni resqet lejn l-artal tal-Madonna u mal-kant tas-*Salve regina* ġie mikxuf il-kwadru mill-Arċipriet Dun Nicholas Pace u r-Rettur tal-fratellanza tal-Madonna taċ-Ċintura Żejtun, is-Sur Ishmael Cocker filwaqt li l-provinċjal inċensa l-artal u l-kwadru.

Din iċ-ċelebrazzjoni ġiet animata mill-kor parrokkjali u attendew diversi mistednin distinti, għaqdiet reliġjużi u ċivili flimkien mal-fratellanzi tal-Madonna taċ-Ċintura tal-parroċċi ta' Santu Wistin il-Belt Valletta, Ħal Qormi, il-Gudja, Ħaż-Żabbar u l-Konfraternità tal-Lourdes, il-Qrendi.

Għal din l-okkażjoni l-fratellanza ħarġet ktejjeb u santa ta' tifkira. Nediet ukoll folder filateliku kommemorattiv b' timbru speċjali mill-Maltapost li jfakkar il-ġurnata tas-26 ta' Jannar. Dan il-folder kien jikkonsisti f' 2 settijiet ta' bolol kartolina u envelopp kommemorattiv u santa tal-bizzilla.



*Preżentazzjoni tal-Kwadru*

Bla dubju ta' xejn dan kien proġett ambizzjuż iżda bżonjuż li ma kienx ikun possibbli jekk mhux bl-għajnuna siewja u kollaborazzjoni mill-Fratellanza tal-Madonna taċ-Ċintura Żejtun u l-Ministeru tal-Finanzi, ditti u benefatturi li dan kollu kien xhieda ħajja tal-imħabba u id-dedikazzjoni lejn l-opri ta' arti li writna mingħand missirijietna u li aħna fid-dmir li nippreservaw, filwaqt li nġibu 'l quddiem id-devozzjoni lejn Ommna Marija, taħt it-titlu taċ-Ċintura, Sultana tal-Konsolazzjoni.



*Il-kwadru qabel (fuq) u wara (taħt)*

